MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 610/2012

**Christopher D'Esposito**
**K.I. 400896(M)**

**vs.**

**WestonVella Ltd**
**C-51718**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2012, li permezz tiegħu:

> l-attur jitlob illi l-konvenuta Weston Vella Ltd, li hija debitriċi tal-attur, tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' elfejn, disa' mija u sebgħa u sittin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€2967.39) li tirrappreżenta servizzi reżi lis-soċjetà konvenuta, senjatament servizzi ta' design ta': logo types, brand guidelines, interface għal website, letterheads u

envelopes, ID- web-site design, flimkien ma' ID flyer printing u fornitura tal-karta tal-letterhead u envelopes;

Illi s-soċjetà konvenuta, nonostante bosta interpellazzjonijiet da parte tal-attur, kemm verbali kif ukoll permezz ta' numru ta' emails u ittri mingħand il-konsulent legali tal-attur, fosthom anke ittra rreġistrata, u bosta wegħdiet da parti tad-Diretturi Mark Weston u Chris Vella, u saħansitra rikjesta għan-numru tal-kont bankarju tal-attur sabiex ikun jista' jsir il-pagament, baqgħet inadempjenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u kull proċedura oħra ppreżentata kontestwalment kif ukoll li tista' tiġi ppreżentata sussegwentement, tal-ittra legali tat-28 ta' Marzu 2012 u l-korrispondenza legali ta' bejn id-29/3/12 sa 19/6/12, bl-imgħax kummerċjali sa mid-data ta' kull fattura, kontra l-konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Ra **r-risposta tas-soċjeta` konvenuta,** ippreżentata fil-25 t' Ottubru 2012, fejn hija eċċepixxiet:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eċċipjenti ma għandha tagħti xejn lill-attur.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' x-xhieda;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali ippreżentati mill-partijiet.

Ra l-verbal tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-kawża tirrigwarda talba għall-ħlas mill-attur għal servizzi minnu reżi lis-soċjeta` konvenuta.

Is-soċjeta` konvenuta ssostni li hija m'għandha tħallas xejn lill-attur u dana għaliex taħseb li għas-servizz li rrendilha, hija diġa ħallsitu biżżejjed. Tilmenta wkoll illi xi xogħol ma sarx għas-sodisfazzjoni tagħha. Is-soċjeta` konvenuta tgħid ukoll li ċertu xogħol kellu jsir mingħajr ħlas u dana stante ftehim bejnha u bejn l-attur illi huwa jagħmel xogħol lis-soċjeta` konvenuta mingħajr ħlas, iżda dina tikkumpensah billi tgħaddilu x-xogħol tal-klijenti tagħha, mingħajr ma tnaqqas xi commission.

Illi t-Tribunal wara li ra bir-reqqa d-diversi dokumenti, konsistenti wkoll f'diversi emails skambjati bejn il-partijiet, huwa tal-fehma illi s-soċjeta` konvenuta qatt ma lmentat dwar is-servizzi provduti mill-attur għajr meta dan beda jippressa għal-ħlas. Sa dan l-istadju ma nstab l-ebda ilment. Anzi it-Tribunal josserva illi l-ilmenti bdew ħerġin wara li min-naħa konvenuta saret promessa ta' ħlas versu l-attur fejn wegħdet pagamenti mensili stante li bħala kumpanija kienet għadha tibda topera u għalhekk ma kellhiex sitwazzjoni finanzjarja soda.

Illi in vista li l-ilmenti tressqu fi stadju daqshekk tardiv, l-istess ilmenti tilfu ħafna mill-kredibbilta` tagħhom, u f'dan l-istadju jinħassu li huma biss tentattivi min-naħa tas-soċjeta` konvenuta biex ma tħallasx dak minnha dovut.

Kieku l-ilmenti kienu ġenwini, wieħed kien jistenna li jsib prova ta' xi email fl-istadju bikri tar-relazzjoni bejn il-partijiet fejn jitressaq l-ilment, prova illi ma nġibietx.

It-Tribunal ikkunsidra wkoll illi filwaqt li s-soċjeta` konvenuta tgħid li kien hemm xogħol tal-attur li ma laħaqx l-aspettativi tagħha, hija xorta waħda għaddietlu b'kemm jiswew €10,000 xogħol mingħand il-klijenti tagħha – ħaga li fl-ideja tat-Tribunal ma tagħmilx sens, għaliex jekk wieħed personalment mhux kuntent bix-xogħol ta' ċertu *service provider*, mhuwiex sejjer jirrakkomandah lil terzi, iżjed u iżjed lill-klijenti tiegħu, bir-riskju li anke hu jnaqqas jew itappan ir-reputazzjoni tiegħu.

Fl-aħħar nett, it-Tribunal ikkunsidra wkoll l-argument tas-soċjeta` konvenuta fejn dina tallega illi kien hemm xi ftehim bejnha u bejn l-attur illi dan jagħtiha servizzi mingħajr ħlas iżda b'kumpens ta' xogħol mingħand il-Klijenti tagħha. Illi huwa ferm risaput li min jallega jrid jipprova, iżda dan il-ftehim ma ġiex ippruvat. Xehdu dwaru d-diretturi tas-soċjeta` konvenuta iżda ma ġiex korraborat b'xi email jew skrittura f'dan is-sens. Dan mistqarr mid-diretturi tas-soċjeta` konvenuta ġie kontradett u miċħud mill-attur. Issa m'hemmx dubju li wieħed li jirrendi servizz jippretendi u għandu dritt ta' ħlas għal xogħolu. Jekk minflok bi flus, wieħed jobbliga ruħu li jgħaddilu xogħol, u allura jitbiegħed mill-prassi li jħallas bi flus, dan ċertament li jitlob ftehim bilaterali u inekwivoku bejn il-partijiet. Mhux biżżejjed li s-soċjeta` konvenuta unilaterment ħasbet li setgħet tpattilu ta' xogħolu, permezz ta' xogħol ieħor. Tali ħsieb ried ikun verbalizzat b'mod ċar u maqbul miż-żewġ naħat, ħaġa li ma jidhirx li saret f'dan il-każ.

Mhux talli tali ftehim ma ġiex ippruvat, iżda talli s-soċjeta` konvenuta tikkontradixxi dan l-argument tagħha meta tgħid u tipprova li hija għamlet diversi pagamenti oħra lill-attur.

**Deċide**

Għaldaqstant in vista tas-suespost, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi u jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta. Konsegwentement qiegħed jordna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' elfejn, disa' mija u sebgħa u sittin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€2967.39) , bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura, kif jirriżulta mill-prospett fol. 4 tal-proċess, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-preżenti, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċċjali u kwalsiasi mandat li setgħu saru fl-ismijiet premessi in konnessjoni mal-ammont mitlub f'din il-kawża, ikunu a karigu tas-soċjeta` konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------